Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 23/2011AE

**Paul Abela T.F.E.A. Limited**

**Vs**

**Id-Direttur (Servizz tal-Kummerc) Dipartiment tal-Kummerc**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Fl-20 ta' Settembru 2012, ir-rikorrent (Direttur (Servizzi tal-Kummerc) Dipartiment tal-Kummerc) ipprezenta rikors li permezz tieghu talab li tithassar is-sentenza u ssir r-ritrattazzjoni tal-appell numru 23/2011/RCP deciz fis-26 ta' Gunju 2011. Ir-ragunijiet huma dawk kontemplati fl-Artikolu 811(l) u (e) tal-Kap. 12.

Permezz ta' decizjoni tas-27 ta' Gunju 2011, it-Trading Licence Appeals Board iddecieda li r-rifjut tar-rikorrent tal-applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja biex issir fiera gewwa n-Naxxar, hu bla bazi u d-decizjoni giet imhassra. Fis-seduta tal-15 ta' April 2011 quddiem il-Bord, kien gie verbalizzat:

*"Kien hemm ukoll qbil bejn iz-zewg partijiet illi* ***s-sit huwa kopert b'licenzja biex jinzammu fih fieri****, u da parti tad-Direttur appellat, dan qieghed jirrikonoxxieh minhabba fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, liema sentenza tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-partijiet jaqblu li l-kwistjoni li ghandha tigi rizolta hija dik tal-licenzja specifika ghal zamma ta' fiera kummercjali mis-Socjeta TFEA Ltd ghal perjodu 24 ta' Gunju sa 4 ta' Lulju 2010".*

A bazi ta' din id-dikjarazzjoni hu ghalhekk car li l-Bord kellu jistharreg id-decizjoni tar-rikorrent, tal-25 ta' Gunju 2010, dwar ir-rifjut ghall-hrug ta' licenzja sabiex tinzamm il-Fiera. Ir-rikorrent kien immotiva d-decizjoni tieghu b'dan il-mod:

*"... the fact that the grounds may be considered to be licensed for the holding of fairs on the basis of the re-activation of the licence in 2010 does not detract from the fact that all the conditions for the cessation of the Trade Fair activity at the Naxxar Grounds had already materialized previously and that the said reactivation materialized when it had already become established public policy that the trade fair activity from the Naxxar Grounds had ceased. That third parties had a right to rely on the said established public policy and that therefore the re-activation of the licence cannot have the effect of retroactively abolishing any third party rights or legitimate interests resulting from the cessation of trade fair activity at the Naxxar grounds. Therefore the re-activation of the licence does not mean that the commercial fair licence required to hold particular fairs has to be granted irrespective of the said public policy".*

Skond regolament 34 tar-Regolament tal-2006 dwar il-Licenzi tal-Kummerc, mahruga taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc:

*"34(1) Hadd ma jista' jorganizza jew jippermetti li tigi organizzata fiera kummercjali li tkun tinkludi l-bejgh bl-imnut ta' oggetti jew servizzi lill-pubbliku kemm-il darba ma tkunx inharget licenza specifikament ghal dik l-attivita' mis-Sezzjoni Licenzi tal-Kummerc imsemmija bhala Licenza ta' Fiera Kummercjali.....*

*(2) Il-post fejn tista' tkun organizzata fiera kummercjali ghandu jkun post licenzjat biex isir il-bejgh bl-imnut jew kull post licenzjat biex jinzamm fih fieri kummercjali".*

Il-Bord qal li:

1. L-ghoti ta' licenzja ma kinitx materja ta' public policy;
2. M'huwiex il-kompitu tad-Direttur (Servizzi tal-Kummerc) li jidhol fi kwistjonijiet regolati mill-MEPA. Materji ta' ambjent, u cioe' n-nies, traffiku u storbju li tiggenera fiera, ghandhom jigu regolati mill-MEPA, il-Pulizija jew awtoritajiet ohra, li jwaqqfu attivita' minkejja l-hrug ta' licenzja tal-kummerc; *"Id-Dipartiment tal-Kummerc ghandu biss jikkunsidra aspetti relatati mas-sitt innifsu, u cioe' fil-konfini ta' tali sit fejn ser tigi organizzata l-fiera, bhal spazju necessarju ghal folol li jattendu, spazju ghall-parkegg, aspetti ta' sigurta u sahha, ecc".*

Id-Direttur (Servizzi tal-Kummerc) appella mis-sentenza, fejn l-aggravji kienu li l-Bord:

1. Kien zbaljat meta qal li meta tkun qeghda tittiehed decizjoni dwar l-organizazzjoni ta' fiera kummercjali, m'hijiex kwistjoni li tolqot public policy;
2. Il-Bord ma ddecidiex jekk l-attivita' tal-fiera kummercjali fin-Naxxar kinitx waqfet;
3. Injora 'l fatt li d-decizjoni tad-Direttur kienet bazata wkoll fuq aspetti relatati mas-sit innifsu, u cioe' fil-konfini ta' tali sit fejn ser tigi organizzata l-fiera, bhal spazju necessarju ghall-folol li jattendu, spazju ghall-parkegg, aspetti ta' sigurta u sahha.

F'sentenza tas-26 ta' Gunju 2011, din il-qorti cahdet l-appell wara li kkunsidrat:

i. B'sentenza tat-18 ta' Gunju 2010, il-Prim'Awla kienet iddecidiet li l-post fejn l-appellati riedu jaghmlu l-fiera kien post licenzjat biex fih jinzammu l-fieri, u dan kif rikjest f'paragrafu (b) tar-regolament 34 tar-Regolament tal-2006 dwar Licenzji tal-Kummerc li saru taht il-Kap. 441.
ii. Kellu jigi deciz jekk tinharigx licenzja ghall-fiera skond ir-regolament 34(1) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Licenzji tal-Kummerc.
iii. Kwistjonijiet ta' ordni pubbliku ma kienux jidhlu f'dan il-kaz ghall-ghoti ta' permess li tinzamm fiera f'sit diga' licenzjat sabiex jinzammu l-fieri. Inoltre, l-kwistjoni kienet wahda lokalizzata. Id-decizjoni tal-Bord kienet tindika b'mod car x'konsiderazzjonijiet li fuqhom kellu jibbaza d-Direttur. Minflok id-Direttur kien dahal f'konsiderazzjonijiet kemm ghal dak li jirrigwarda ordni pubbliku u kemm ghal dawk li huma disposizzjonijiet tal-Pjani Lokali li hi materja li taqa' fil-kompetenza tal-MEPA.
iv. Is-sit kien diga' licenzjat sabiex fih isiru fieri. Bid-decizjoni tad-Direttur, is-sentenza tal-Prim'Awla giet reza bal ebda effett.

It-talba tar-rikorrent biex tithassar is-sentenza ta' din il-qorti u ssir ritrattazzjoni tal-kawza huma bazati fuq is-segwenti:

1. Is-sentenza hi bazata fuq l-applikazzjoni tal-provvediment hazin tal-ligi fis-sens illi tibbaza ruhha kompletament fuq dak li jipprovdi r-Regolament 34(2) tar-Regolament dwar il-Licenzji tal-Kummerc (S.L. 441.07) meta f'dan il-kaz huwa applikabbli r-Regolament 34(1) tal-istess regolamenti. 'Il fatt wahdu li l-post hu licenzjat m'huwiex bizzejjed biex tittella' fiera. Min irid jorganizza l-fiera jrid japplika u jottejni licenzja sabiex tkun tista' ssir il-fiera.
2. Fis-sentenza ta' din il-qorti hemm zball ta' fatt, ghaliex il-Prim'Awla ddecidiet biss li kien hemm licenzjat skond ir-regolament 34(2) u fl-ebda waqt ma tat decizjoni dwar l-ghoti ta' licenzja biex issir il-fiera (regolament 34(1)) u anzi dwar dan halliet f'idejn id-Direttur biex jiddeciedi. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell hemm zball ta' fatt ghaliex hi bazata fuq interpretazzjoni fattwali zbaljata tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

L-intimata wiegbet (12 ta' Ottubru 2012) fejn opponiet it-talbiet tar-rikorrent u argumentat li ma kienx hemm bazi sabiex issir ritrattazzjoni tal-kawza.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Il-qorti tibda biex tosserva li wara s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2014 fil-kawza **T.F.E.A. Limited vs Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc (516/2010GCD)**, ma tarax l-iskop wara dawn il-proceduri. F'dik is-sentenza ntlaqa' l-appell tad-Direttur u thassret is-sentenza tal-Prim'Awla tat-18 ta' Gunju 2010. Dan wara li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li s-sit tal-Fair Grounds tan-Naxxar ma kienx licenzjat biex fih tinzamm fiera. Il-qorti osservat:

   *"... ladarba l-licenzja mahruga favur Gerald Claude Gatt kienet tistipula li kienet wahda ghaz-zamma ta' ufficcju, ma tistax tigi interpretata li kienet ukoll tawtorizza z-zamma tal-fieri fuq l-artijiet tan-Naxxar. Il-htiega ta' licenzja biex tinzamm fiera fuq art partikolari saret mehtiega biss mill-2006 'il quddiem permezz tar-regolament 34(2) tar-Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc, u din il-licenzja ma tistax tigi implied li tezisti minn licenzja li harget 29 sena qabel u meta ma kienx hemm htiega li fiera ssir f'post licenzjat ghal dak l-iskop. Ladarba din il-licenzja, bhala fatt, ma nhargitx, jghidu x'jghidu l-partijiet, il-punt jibqa' li l-art mhux legalment licenzjata ghaz-zamma ta' fieri, u ma hemmx permess ta' zvilupp kif rikjest fir-regolament 34(2) imsemmi".*

   Ghaldaqstant, ladarba il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li m'hemmx licenzja biex fis-sit tigi organizzata fiera, irrispettivament mid-decizjoni ta' din il-qorti bis-sentenza tas-26 ta' Gunju 2011, xorta ma tistax tigi organizzata fiera fit-Trade Fair Grounds tan-Naxxar gialadrba l-Qorti tal-Appell (Superjuri) iddecidiet li s-sit m'huwiex licenzjat biex fih issir fiera. Madankollu, wara s-sentenza tal-1 ta' April 2014, ir-rikorrent zamm ferm il-posizzjoni tieghu tant li llimita ruhu biex jipprezenta kopja ta' dik is-sentenza.

2. **Applikazzjoni hazina ta' ligi (Artikolu 811(e) tal-Kap. 12)**.

Ir-rikorrent isostni li kien hemm applikazzjoni hazina ta' ligi ghaliex din il-qorti bbazat ruhha fuq ir-regolament 34(2) tar-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Kummerc (Legislazzjoni Sussidjarja 441.07) u mhux fuq regolament 34(1) li kien japplika ghall-kaz. Il-qorti ma taqbilx.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza **Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela et nomine** tat-3 ta' Gunju 1994:-

*"Illi biex jigi deciz jekk kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatt kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kella proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-ligi l-hazin ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin".*

Mis-sentenza tas-26 ta' Gunju 2011 hu car li l-qorti kienet konxja li l-kwistjoni quddiemha kienet dwar licenzja kummercjali sabiex tigi organizzata fiera fin-Naxxar u mhux licenzja relatata mas-sit, kif ukoll li r-regolamenti 34(1) u (2) kienu distinti. Tant hu hekk li fis-sentenza saret riferenza espressa ghas-subinciz (1) u (2) tar-regolament 34 (ara pagni 9 u 10 tas-sentenza). Il-kaz kien jitratta dwar stharrig tad-decizjoni tad-Direttur li ma jatix licenzja kummercajli biex tigi organizzata fiera fin-Naxxar. Decizjoni li giet revokata bid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Licenzar tas-27 ta' Gunju 2011. Fis-sentenza din il-qorti ghamlitha cara li s-sentenza tal-Prim'Awla kienet dwar regolament 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Licenzji tal-Kummerc u li **wara**:

*"fil-fatt kellu jigi deciz jekk tinharigx licenzja specifika ghal tali attivita skond dak indikat skond **ir-regolament 34(1) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Licenzji tal-Kummerc**"* (pagna 10 tas-sentenza).

Sahansitra l-qorti qalet ukoll:

*"Dak li l-appell qed jirreferi ghalih huma fil-fatt kwistjonijiet ta' ordni pubbliku **li ma jidhlux f'dan il-kaz dwar l-ghoti ta' permess specifiku li tinzamm fiera** f'sit gja licenzjat sabiex jinzammu fieri"*[1].

Kliem li juri kemm l-appell gie trattat propju fuq l-ghoti ta' permess sabiex tigi organizzata fiera. Fil-fatt fis-sentenza l-qorti ddecidiet li fil-konsiderazzjoni

[1] Fol. 13 tas-sentenza.

jekk jatix licenzja ghall-fiera, u dan ovvjament skond ma kellu jaghmel ghal finijiet tar-regolament 34(1), id-Direttur ikkunsidra affarijiet li ma kienux jidhlu fil-poter tieghu. Fic-cirkostanzi din il-qorti altru milli kkunsidrat u ddecidiet dwar il-kwistjoni li kellha quddiemha, cjoe' l-ghoti ta' Licenzja ta' fiera Kummercjali li tkopri l-attivita' *per se*.

Fil-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-qorti biex tichad l-appell tad-Direttur ma saret l-ebda riferenza ghal xi disposizzjoni ta' ligi. Din il-qorti qieset l-aggravji tad-Direttur u ddecidiet dwarhom, u qatt ma qalet li min ikun irid jorganizza fiera fin-Naxxar m'ghandux bzonn ta' Licenzja ta' Fiera Kummercjali. Fil-fehma tal-qorti r-riferenza li ghamel id-Direttur ghar-regolament 34(1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja hu tentattiv fjakk biex jipprova johloq bazi biex jerga' jiftah l-appell ghad-diskussjoni, meta ma tezisti l-ebda bazi sabiex dan isir.

3. **<u>Zball ta' fatt (Artikolu 811(l) tal-Kap. 12)</u>**.

Fil-fehma tal-qorti s-sentenza tas-26 ta' Gunju 2011 ma fiha l-ebda zball ta' fatt. Din il-qorti kient taf x'kien il-punt li gie deciz mill-Prim'Awla fis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2010. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-paragrafu f'pagna disgha (9) tas-sentenza li jibda hekk: *"Illi fl-ewwel lok jinghad li bis-sentenza tal-Prim'Awla l-Qorti Civili fl-ismijiet T.F.E.A Limited vs Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc ………"*. Minn dan il-paragrafu johrog bic-car li din il-qorti kienet taf x'iddecidiet il-Prim'Awla. Tant hu hekk li qalet:

*"…. u l-kwistjoni li giet deciza favorment ghas-socjeta attrici kienet jekk il-licenzja hekk ezistenti kinitx bizzejjed ghall-ghan indikat fir-regolament 34(2) ghaliex din kieent tghid li din inharget 'to keep an office for the managing of the Malta International Fair at number 4 and 5 Alley 1, Gwejda Street, Naxxar' u gie deciz din il-licenzja kienet effettivament wahda li nharget skond ir-regolament 34(2) tar-Regolamenti 2006 u huwa li l-post kien licenzjat biex jinzammu fieri kummercjali u billi ma kien hemm beda zvilupp jew bdil ta' uzu ma kinitx mehtiega licenzja ohra qabel mal-konvenut jigi biex iqis it-talba attrici sabiex tinzamm fiera bejn l-24 ta' Gunju u l-4 ta' Lulju 2010 u fil-fatt kellu jigi deciz jekk tinharigx licenzja specifika ghal tali attivita skond dak indikat skond ir-regolament 34(1) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Licenzji tal-Kummerc".*

Fl-ebda parti tas-sentenza tas-26 ta' Gunju 2011 m'hemm dikjarat li l-Prim'Awla kienet iddecidiet ir-rekwizit tar-Regolament 34(1). Fil-bran li r-rikorrent iccita mis-sentenza ta' din il-qorti sabiex isostni t-tezi li din il-qorti ghamlet zball ta' fatt, il-qorti kienet qeghda tikkunsidra t-tieni aggravju tad-Direttur li jaqra: *"Il-Bord effettivament ma ddecidiex il-pern tal-kwistjoni dwar jekk l-attivita tal-fieri kummercjali fin-Naxxar waqfitx…."*. F'dak il-bran[2] il-qorti semplicement osservat x'kien l-effett ta' rifjut tal-hrug ta' licenzja mid-Direttur sabiex issir l-attivita. B'daqshekk ma qalitx li m'hemmx bzonn ta' licenzja sabiex issir il-fiera jew li pprezumiet li f'dan ir-rigward diga' kien hemm

[2] Ara fol. 14 tas-sentenza. Il-bran li ccita r-rikorrent jibda bil-kliem *"….. fl-ewwel lok jirrizulta li fuq l-istess sit huwa gja licenzjat sabiex jinzammu fiehri fih u dan gie wkoll konfermat b'sentenza ta' din il-Qorti, li kkonfermat ukoll l-ezistenza ta' tali Licenzja,……"*.

licenzja. Il-punt li ghamlet il-qorti kien b'riferenza ghall-aggravju tad-Direttur li l-Bord, u hu evidenti li l-qorti rragunat li ghal finijiet ta' hrug ta' licenzja biex issir il-fiera ma kienx rilevanti jekk l-attivita' tal-fieri kummercjali fin-Naxxar kinitx twaqqfet milli ssir gialadarba diga' kien hemm licenzja biex fis-sit jigu organizzati fieri. B'daqshekk ma qalitx li kien hemm diga' licenzja biex issir l-attivita jew li ma kienx hemm bzonn tali licenzja. Il-qorti kienet tal-fehma li r-ragunament tad-Direttur li ma komplewx isiru fieri fin-Naxxar u ghalhekk kellhom jigu applikati l-*policies* vigenti fid-decizjoni jekk ghandhiex tinghata licenzja biex tigi organizzata fiera kummercjali, fir-realta' kien argument li jgib fix-xejn dak li kienet iddecidiet il-Prim'Awla. Materja li fil-fehma tal-qorti ma kellhiex tigi kkunsidrata mid-Direttur ghal fini tal-ghoti ta' licenzja a tenur tar-regolament 34(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja. Tant hu hekk li fir-rigward tal-istess aggravju, iktar l-isfel il-qorti qalet:

*"Izda mhux biss ghaliex mid-decizjoni tal-appellant jidher car li l-istess appellant ikkonceda, kif kellu jaghmel, li fil-fatt is-sit huwa kopert b'licenzja sabiex jinzammu fieri, u allura huwa korrett il-Bord li ddecieda li l-kwistjoni ta' uzu tas-sit ghal xi snin mhux rilevanti ghal kwistjoni li l-appellanti kellu quddiemu u* ***din kienet biss jekk licenzja sabiex tinzamm fiera fis-sit innifsu f'okkazzjoni partikolari kellhiex tinhareg jew le****. Dan seta' kien rilevanti ghal dak li huwa Pjan Lokali izda dan sta ghall-Awtorita' kompetenti li tarah f'dan il-kaz il-MEPA, u f'dan is-sens id-decizjoni tal-Bord hija wkoll legalment korretta, u fuq kollox konsistenti maghha innifisha, u wkoll moghtija in konformita' mal-Ligi u wkoll ma' dak li gie gudizzjarjament bhala fatt stabbilit".*[3]

Kemm dan hu minnu jirrizulta wkoll minn dak li qalet din il-qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tad-Direttur:

*"Illi mela allura dan l-aggravju qed jigi michud ghaliex id-decizjoni tindika car dak li kellu jaghmel l-appellant u l-konsiderazzjonijiet li kellu jibbaza ruhu fuqhom, u fil-fatt m'ghamilx u* ***dahal f'konsiderazzjonijiet li ma kinux jidhlu fil-mansjoni tieghu li jikkunsidra, kemm fil-kuntest ta' dak li huwa qed jindika bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku u kemm ghal dawk li huma disposizzjonijiet tal-Pjan Lokali, li ovvjament ghandhom jigu epurati semmai quddiem l-organi tal-MEPA jekk ikun il-kaz****"* (enfazi tal-qorti).

F'dan kollu ma jezisti l-ebda zball ta' fatt izda semplicement ragunament tal-qorti li wassalha biex tichad it-tieni aggravju. Fir-rikors promotur ir-rikorrent qal:-

*"Illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell hija affetta minn zball ta' fatt stante* ***illi hija bbazata fuq <u>interpretazzjoni fattwali zbaljata</u> tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili"****.*

Il-qorti tfakkar li zball ta' fatt (Artikolu 811(l)) m'ghandu x'jaqsam xejn mal-interpretazzjoni ta' fatt; *"L'errore che puo' costituire motivo di ritrattazione dev'essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione"* (Vol. XXV.i.139). Kieku ghall-grazzja tal-argument biss sehh dak li allega r-rikorrent, zball fl-interpretazzjoni ta' fatt ma jatix lok ghal ritrattazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad ir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrent**.

[3] Enfazi mizjuda, pagna 15 tas-sentenza tas-26 ta' Gunju 2011.

Anthony Ellul.